# VIA SAGRA

Skola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof

2023

Saċerdot: **Nikkunsidraw l-Ewwel Stazzjon: Ġesù jagħmel l-aħħar ċena mal-Appostli.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Luqa (21, 17-19)
U qabad kalċi, radd il-ħajr u qal: "Ħudu dan il-kalċi u aqsmuh bejnietkom. Għaliex ngħidilkom minn issa 'l quddiem ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa ma tiġi s-Saltna ta' Alla." Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom: agħmlu dan b'tifkira tiegħi."

Studenta 2: Fl-aħħar ċena tista' tgħid li Ġesù ġabar il-qalba tat-tagħlim tiegħu, jiġifieri li l-bniedem ikun tassew bniedem, sabiħ u kbir meta jiċċekken u jagħti kollox. Ġesù jiċċekken quddiem ħbiebu u jaħslilhom riġlejhom. Huma ma fehmuhx dan il-ġest, iżda hu ma ħalliex ħafna ħin jgħaddi biex bil-fatti wriehom kemm min jiċċekken jitkabbar u min jitkabbar jiċċekken. Aktar tard, fl-istess ikla tahom ġismu u demmu biex jgħixu bihom, u l-istess, dan il-kliem u dan il-ġest ma fehmuhx dak il-ħin. Kien l-għada, fl-għotja totali tiegħu fuq il-Golgota li bdew jifhmu ftit minn dawn is-sinjali u xbihat li kien għamel quddiemhom. "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" jew aħjar "Agħmlu dan b'memorja tiegħi", għaliex tifkira tirreferi għall-ġrajja li ġrat darba biss, waqt li memorja tagħmel dejjem preżenti dak li seħħ fil-passat. Illum il-passjoni ta' Kristu għadha ħajja fil-memorja li tiġi mġedda u ċċelebrata waqt kull quddiesa.

Studenta 3: Mulej, għinna nżommu ħajja l-memorja tiegħek; għinna sabiex hekk kif il-qassis jgħidilna, "Morru fil-paċi ta' Kristu", l-ewwel ħaġa li nagħmlu hi li nilbsu l-fardal b'memorja tiegħek, "il-qaddej il-kbir", u bħalek naħslu saqajn il-proxxmu tagħna fil-familja, fl-iskola, fil-postijiet ta' divertiment u fil-ħajja tagħna. Għinna, biex anki meta dan kollu ma jinftiehemx minn dawk ta' madwarna, nibqgħu fidili lejn il-memorja tiegħek, u xorta waħda niċċekknu u nagħtu kollox bħalek, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Wieqfa kienet, imbikkija,
l-Omm ħdejn Binha fit-tbatija,
fuq salib imdendel.

Saċerdot: **Nikkunsidraw it-Tieni Stazzjon: Ġesù jitlob fil-Ġnien taż-Żebbuġ.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Luqa (22, 39-46)
Imbagħad ħareġ u mar bħas-soltu fuq il-Għolja taż-Żebbuġ, u d-dixxipli wkoll marru miegħu. Kif wasal hemmhekk qalilhom: "Itolbu li ma tidħlux fit-tiġrib." Imbagħad tbiegħed minnhom daqs tefgħa ta' ġebla u nxteħet għarkopptejh jitlob u jgħid: "Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-kalci! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi." Deherlu anġlu mis-sema biex jagħmillu l-qalb, imma hu ħass dwejjaq tal-mewt fuqu, u beda jitlob b'ħerqa akbar. Il-għaraq sarlu bħal qtar tad-demm iċarċar sal-art. Imbagħad qam mit-talb, mar ħdejn id-dixxipli u sabhom reqdin minħabba s-swied ta' qalb. "Kif!" qalilhom, "Irqadtu? Qumu u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib!"

Studenta 2: Fil-ġnien tal-Ġetsemani, jiġu quddiem għajnejn Ġesù t-torturi varji li kellu jgħaddi minnhom; it-tradiment, iċ-ċaħda, l-umiljazzjoni, l-uġigħ u l-abbandun issa kienu aktar fil-qrib minn qatt qabel. Tant kien kbir il-biża' li ħakmu li għereq id-demm. Hu li ma seta' jafda lil ħadd minn dawk li għażel, jafda ħajtu f'dak li għażlu u ħatru biex ikun il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja.

Studenta 3: Mulej, wara t-tbatijiet kollha tiegħek, illum għad fadal nies li jgħixu sitwazzjonijiet diffiċli ħafna. Bħal donnu t-tbatijiet tiegħek ma kinux biżżejjed. Kemm tipi ta' mard, kemm tipi ta' biżgħat, kemm tipi ta' gwerer, kemm tipi ta' mwiet. Għalhekk kif għamlu ta' qabilna u kif ser jagħmlu wkoll ta' warajna, inkomplu nitolbuk għal kull persuna li qed tbati. F'dawn iċ-ċirkustanzi m'għandniex fiduċja oħra jekk mhux fik, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Ta' din l-Omm il-qalb maqsuma
f'dak l-imrar bl-uġigħ mitmuma,
nifed sejf in-niket.

Saċerdot: **Nikkunsidraw it-Tielet Stazzjon: Ġesù ttradut minn Ġuda.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Mattew (26, 47-50)
Ġie Ġuda, wieħed mit-tnax, b'ġemgħa kbira ta' nies miegħu, armati bis-sjuf u l-bsaten, mibgħuta mill-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu. Issa dak li kien ser jittradih kien tahom sinjal u qalilhom: "Lil dak li nbus, dak hu; aqbduh." U minnufih resaq fuq Ġesù u qallu: "Is-sliem għalik, Rabbi!" U biesu. U Ġesù qallu: "Ħabib, għalhekk ġejt int!" Huma resqu lejh, meddew idejhom fuq Ġesù u qabduh.

Studenta 2: Ġuda jiftiehem mal-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu biex jagħtihom lil Ġesù f'idejhom għal tletin biċċa tal-fidda. Daqslikieku Ġesù kien f'idejn Ġuda! Dak li għandu d-dinja kollha f'idejh jingħata f'idejn il-bnedmin. U din l-istorja għadha tiġri fina u quddiem għajnejna. Kemm tradimenti bejn it-taparsi ħbieb; bħal meta jsir ftehim kontra persuna biex ma ssirx parti minn xi grupp, hekk b'kapriċċ ta' xi ħadd, għalxejn b'xejn. Kemm drabi l-paċi li nagħtu lil xulxin fil-knisja hija farsa għaliex ma tkunx vera, ikun biss ħars u kliem falz! Dawn il-kwistjonijiet ta' bejnietna mhuma xejn għal fejn dak li kien għaddej bejn Ġuda u Ġesù. Madankollu Ġesù lil Ġuda xorta waħda baqa' jirrispettah. Wara dak kollu li għamillu, isejjaħlu 'ħabib', u veru hekk kien għal Ġesù.

Studenta 3: Mulej, aħna nittraduk kull darba li nittradixxu lil xulxin. Int għidtilna: "Ħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien." Għinna biex bħalek nirrispondu bit-tajjeb għall-ħażen li nirċievu, għinna biex inkunu minn tal-ewwel li nippruvaw nirranġaw dak li jinkiser bejnietna u fuq kollox żomm idejk fuqna u agħtina l-kuraġġ biex naħfru lil xulxin kif taħfrilna int, li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Kemm tbatija f'qalb muġugħa,
liema dwejjaq li jifnuha
ħasset l-Omm imbierka!

Saċerdot: **Nikkunsidraw ir-Raba' Stazzjon: Ġesù miċħud minn Pietru.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Ġwann (13: 36-38)
Qallu Xmun Pietru: "Mulej, fejn sejjer?" Ġesù wieġbu: "Fejn sejjer jien int ma tistax tiġi warajja issa, imma tiġi warajja iktar tard." Qallu Pietru: "Mulej, għala ma nistax niġi warajk fil-preżent? Jien nagħti ruħi għalik." Ġesù wieġbu: "Tagħti ruħek għalija? Tassew, tassew, ngħidlek. Żgur ma jiddinx is-serduq qabel ma tkun ċħadtni tliet darbiet."

Studenta 2: Pietru jiċħad lil Ġesù għax kien dgħajjef u mbeżża'. Kemm-il darba anki aħna niċħdu lil Ġesù minħabba fid-dgħufija tal-fidi tagħna u l-biża' ta' x'jaħsbu sħabna fuqna. Nibżgħu mill-ġudizzju tagħhom, mill-kundanna tagħhom u allura nispiċċaw nagħmlu bħalma jagħmel ħaddieħor. Nibżgħu li nibqgħu weħidna u allura niċħdu kollox biex niġu aċċettati fil-grupp, niċħdu kollox biex inkunu 'cool'. Ġesù ta lil Pietru tliet ċansijiet biex jiftaħ għajnejh u jinduna kemm mhux billi kien ilu miegħu tliet snin, kien għadu ma jafx kemm Ġesù kien iħobbu. Kemm ċansijiet jagħtina Ġesù biex jurina kemm iħobbna! Ħafna drabi aħna ma nindunawx bihom għaliex inkunu mifxulin mhux tant fuqu imma fuqna u fuq kif ser niddefendu lilna nfusna. Nispiċċaw biex nagħżlu mħabba fqira bħalma tista' tkun l-opinjoni ta' sħabna, il-grupp, 'being cool' u nwarrbu l-ikbar imħabba. Madankollu, xorta waħda quddiem dawn l-għażliet fqar tagħna, hu jibqa' jistenniena b'idejh miftuħin, għax Ġesù ma jafx ma jħobbx.

Studenta 3: Mulej, agħtina l-kuraġġ biex nagħżlu l-aħjar għal ħajjitna anki meta dan ifisser li nimxu kontra l-kurrenti tas-soċjetà li qegħdin nikbru fiha llum. Għinna biex ma naqtgħux qalbna quddiem id-dgħufijiet tagħna imma li nserrħu biss fuqek li taħfrilna u tilqagħna, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: X'weġgħa ġarrbet u x'kefrija
meta ratu fit-tbatija
l-Omm lil Binha, Alla!

Saċerdot: **Nikkunsidraw il-Ħames Stazzjon: Ġesù kkundannat għall-mewt.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Mattew (27:22-23,26)
Qalilhom Pilatu: "U x'nagħmel b'Ġesù li jgħidulu l-Messija?". Weġbuh ilkoll: "Sallbu!". Hu staqsiehom: "Imma x'għamel ħażin?". Huma aktar bdew jgħajtu u jgħidu: "Sallbu!". Imbagħad telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh.

Studenta 2: Sallbu! Sallbu! L-għajta tal-folla miġbura fil-bitħa tal-palazz ta' Pilatu, għajta li tnissel diqa. Ġesù li għen tant nies u li ma għamilx ħlief ġid f'ħajtu, qiegħed jiġi kkundannat għall-mewt. Min jaf kif ħassu xħin semagħhom jgħajtu kontrih u li jriduh imsallab? Min jaf kemm memorji għaddew minn moħħu? Memorji ta' mirakli u ġid li għamel u issa jinsab ikkundannat għall-mewt. U din l-istorja għadha sejra, illum fl-iskola tagħna, studenti sħabna jiġu kkundannati minna mingħajr ħtija, jirċievu inġustizzji f'ħajjithom u narawhom mexjin weħidhom it-triq tal-kalvarju tagħhom, fil-klassijiet, fil-kurituri, fl-uffiċċji, fil-grawnd, f'kull kantuniera tal-iskola tagħna.

Studenta 3: Mulej, int li ġarrabt kundanna inġusta, int li tifhem x'jiġifieri titħallas bid-deni għat-tajjeb u l-ġid li għamilt, ieqaf ma' kull min huwa ġġudikat u lilna għinna biex qatt ma nweġġgħu bi lsienna u għemilna lil ħadd, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Qalb kull bniedem tħoss għaliha
lil Omm Kristu, u kemm tibkiha
xħin tarah f'dil-ħasra!

Saċerdot: **Nikkunsidraw is-Sitt Stazzjon: Ġesù jilqa' s-salib.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Mattew (11, 28-30)
"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom. Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jien ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom. Għax il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif."

Studenta 2: Il-ħajja mimlija slaleb, fosthom hemm tnejn kbar, il-gwerer u l-mard. Kull gwerra hija salib mgħobbi fuq spallejn nies innoċenti u din it-tip ta' gwerra ma ssibhiex biss 'il bogħod minn Malta imma wkoll fil-klassijiet u l-klikek tagħna. U kull gwerra tiġi mqabbda mir-rabja. Il-mard ukoll huwa salib u ħadd ma jieħu pjaċir bih. Li kien għalina konna nkissruh u nfarrkuh biċċiet. Anki fil-mard ir-rabja tiddeffes biex iġġagħalna nistaqsu: "Għaliex il-mard? Għaliex it-tbatija? Għaliex il-mewt? Mhux aħjar mingħajrhom!" Ir-rabja qatt ma ħaffet il-piż ta' dawn is-slaleb anzi ttaqqalhom aktar!

Studenta 3: Mulej, irridu jew ma rridux, donnu jkollna nerfgħu t-toqol kollu ta' din il-ħajja, għinna biex ma nħossuniex weħidna għaliex int magħna, għallimna kif dan il-piż ma ntaqqluhx aktar bl-ispirtu ta' ribelljoni u t-tgergir, u fuq kollox għallimna kif neħilsu mit-toqol tar-rabja u nerfgħu aktar bil-ħeffa l-piż tal-imħabba, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kant: Min ma jħossx id-dwejjaq tagħha
xħin ta' Kristu l-Omm jilmaħha
f'niket kbir ma' Binha?

Saċerdot: **Nikkunsidraw is-Seba' Stazzjon: Ġesù jiltaqa' ma' Ommu Marija.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Luqa (2:34-35,51)
Missieru u ommu baqgħu mistagħġba b'dak li kien qiegħed jingħad fuqu. Xmun berikhom, u qal lil ommu Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh, – u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! – biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna". U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha.

Studenta 2: Min jaf kif ħassitha Marija xħin rat lil binha f'dak l-istat! L-aħħar darba li kienet ratu ma kellux dik is-sura. Xħin tarah, tifraħ imma fl-istess ħin tħoss id-dinja taqa' fuqha. Għaliex kellu jiġrilu hekk? Għaliex u minn fejn ġejja din il-mibegħda kollha? Minn dakinhar li poġġietu b'idejha stess fil-maxtura, dejjem ħadet ħsiebu, imma issa m'għadux f'idejha u ma tafx kif taqbad tiehu ħsieb. Tħossha weħidha għaliex lanqas missirijietu ma jistgħu jieħdu ħsiebu, wieħed, dak tal-art mejjet u l-ieħor, dak tas-sema bħal donnu jridu jgħaddi minn dan kollu. Marija taħseb bejnha u bejn ruħha fuq xi jfisser dak kollu li qed tara madwarha, fuq għaliex Alla għażilha biex tkun Omm Ibnu biex issa bħal donnu mhu jagħmel xejn għal Ibnu stess. Tarah waħdu kkundannat għall-mewt, jerfa' s-salib, imbiċċer u mneżża' minn ħwejġu, għaliex? Imma tgħid ma ħaditx biżżejjed ħsiebu? Tgħid ma għallmitux biżżejjed kif jiddefendi ruħu fil-ħajja?

Studenta 3: Mulej, ħafna stejjer ma nifhmuhomx mill-ewwel fil-ħajja u forsi ma nifhmuhom qatt għaliex mhux ta' min jifhimhom imma ta' min jgħixhom! Kemm ġrajjiet nifhmuhom ħażin jew bil-maqlub. Sawwab fuqna l-Ispirtu qaddis tiegħek kif niżel fuq Ommok Marija, ħalli nsiru wliedha u bħalkom nagħmlu r-rieda tal-Missier, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Għad-dnubiet tal-poplu l-ħati,
lil Ġesù hi ratu jbati
taħt is-swat bla ħniena.

Saċerdot: **Nikkunsidraw it-Tmien Stazzjon: Ġesù megħjun minn Xmun iċ-Ċirinew.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Mattew (27:32; 16:24)
Huma u sejrin sabu raġel minn Ċireni, jismu Xmun, u ġagħluh jerfagħlu s-salib. […] Imbagħad qal lid-dixxipli tiegħu: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja".

Studenta 2: Ġesù, tilef ħafna demm, marid, għajjien u batut ħafna. Min jaf x'ħass meta ra lil Xmun riesaq lejh biex jgħinu? Is-salib xorta waħda jkompli jerfgħu Ġesù għax dak kien tiegħu imma minn issa 'l quddiem għandu l-għajnuna. Il-mibegħda tiżra' madwarha biss dwejjaq waqt li l-imħabba tiżra' madwarha l-ferħ. L-indifferenza tiżra' madwarha l-qtigħ il-qalb waqt li l-għajnuna tiżra' madwarha t-tama.

Studenta 3: Mulej, iċ-Ċirinew kien imġiegħel biex jgħinek terfa' s-salib, u aħna wkoll kultant nagħmlu l-affarijiet għax bilfors jew għax imbuttati u mhux għax nemmnu, nittamaw jew inħobbu tassew, ibdel l-okkażjonijiet li fihom nagħmlu l-affarijiet kontra qalbna f'laqgħa miegħek, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Rat lil Binha u baqgħet miegħu
f'dak l-imrar tal-mewta tiegħu
waqt li ħarġet ruħu.

Saċerdot: **Nikkunsidraw id-Disa' Stazzjon: Ġesù jintmesaħlu wiċċu mill-Veronika.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Ktieb tas-Salmi (27:8-9)
"Ejja", għedt f'qalbi, "fittex 'il wiċċu"; jien wiċċek infittex, Mulej. La taħbix wiċċek minni, la twarrabx bl-herra l-qaddej tiegħek. Inti l-għajnuna tiegħi; tħallinix u titlaqnix, Alla tas-salvazzjoni tiegħi.

Studenta 2: Veronika; il-mara li ma tibżax mis-suldati u ssib triqtha biex tasal quddiem wiċċ Ġesù. L-imħabba ma tibżax mill-ostakli u dejjem issib triqtha biex tħobb. Kemm nies kienu hemm ħdejna, meta konna għaddejjin minn żmien diffiċli! Il-gratitudni ta' Ġesù għall-ġest li tagħmel Veronika jimmarka darba għal dejjem mhux biss il-velu tagħha li bih mesħitlu wiċċu imma fuq kollox qalbha, moħħha u ruħha li bihom ħabbitu. Min minna ma japprezzax dik l-għajnuna li tinżel għasel fl-imrar li jkollna, l-aktar meta naħbtu naqtgħu qalbna!

Studenta 3: Mulej, ftakar f'kull min hu għaddej minn żmien diffiċli sabiex ma jibżax jitkellem u jfittex l-għajnuna; agħti l-kuraġġ kontra l-qtigħ il-qalb u lilna għamilna Veroniki għal xulxin, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Omm u għajn ta' mħabba għalija,
ġagħalni nħoss dik it-tbatija,
biex jien nibki miegħek.

Saċerdot: **Nikkunsidraw l-Għaxar Stazzjon: Ġesù jaqa' taħt is-salib.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija (53:4-6)
Iżda hu rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna. Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat, mitluq minn Alla u miġjub fix-xejn. Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna. Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna. Aħna lkoll bħal nagħaġ mitlufa, kull wieħed minna qabad triq għal rasu. U l-Mulej xeħet fuqu l-ħażen tagħna lkoll.

Studenta 2: Ġesù mhux biss huwa umiljat miċ-ċaħda, tradiment u abbandun tad-dixxipli tiegħu, mhux biss huwa umiljat mis-suldati u dawk kollha li jiddieħku bih, imma issa, avolja għandu l-għajnuna, jaqa' u jitkaxkar bla saħħa mal-art. Jekk il-waqgħa tfakkarna li lkoll kemm aħna bnedmin, li nqumu, il-qawmien mit-trab tal-art huwa ta' wlied Alla.

Studneta 3: Mulej, kull darba li nużaw lil xulxin, inkaxkruk mal-art; kull darba li niġġudikaw lil xulxin, inkaxkruk mal-art; kull darba li nweġġgħu lil xulxin b'ħars, kliem u għemil ieħor, inkaxkruk mal-art. Aħfrilna u għinna għaliex wara kull tkaxkira tiegħek, hemm jaħdem fina dak li jitkaxkar għal żaqqu u l-jiem kollha ta' ħajtu jiekol it-trab tal-art, li ma jistrieħx qabel ma jkaxkar lilna wkoll fit-trab, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Kebbes f'qalbi nar ta' mħabba,
la tħalliha qatt tittabba'
mħabbti għal Kristu.

Saċerdot: **Nikkunsidraw il-Ħdax-il Stazzjon: Ġesù jiltaqa' man-nisa ta' Ġerusalemm.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Luqa (23:27-31)
Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom. Għax, araw, għad jiġi żmien meta jgħidu: 'Hienja dik li ma għandhiex tfal, hieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma redda'!'. Imbagħad jibdew jgħidu lill-muntanji: 'Aqgħu fuqna!', u lill-għoljiet: 'Ordmuna!'. Għax jekk dan kollu qegħdin jagħmluh liz-zokk meta għadu aħdar, mela xi jsir minnu meta jinxef?".

Studenta 2: Ġesù bħal donnu ma jridx min jitħassru, min jibkih; ma jridx min jgħidlu, "miskin" għaliex mhuwiex, anzi jekk hemm xi ħadd li hu miskin, xi ħadd li hu ta' min jitħassru, ta' min jibkih, hu aħna. Ħarsa ħafifa lejn ħajjitna u malajr nindunaw kemm aħna nieqsa fl-imħabba, kemm infedeltajiet lejn Alla u lejn xulxin, kemm forom ta' egoiżmu, kemm suppervja, kemm għira u mitt ħaġa oħra.

Studenta 3: Mulej, agħdirna u weżinna bil-grazzja tiegħek ħalli jkollna tassew l-indiema għal meta ħsibijietna, kliemna u għemilna jkunu nieqsa mill-imħabba, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Omm qaddisa, isma' talbi:
dawk il-pjagi qegħedli f'qalbi
t'Ibnek Ġesù msallab.

Saċerdot: **Nikkunsidraw it-Tnax-il Stazzjon: Ġesù jitneżża' minn ħwejġu.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Mattew (27:33-36)
Meta waslu f'post jgħidulu Golgota, jiġifieri post il-Qorriegħa, tawh jixrob inbid b'taħlita morra; hu daqu, imma ma riedx jixorbu. Imbagħad sallbuh, u qassmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti, u nxteħtu bilqiegħda u qagħdu hemm għassa tiegħu.

Studenta 2: Fil-passjoni Ġesù għadda minn ħafna esperjenzi koroh – tradiment, kundanna, swat, żebliħ, żuffjett u kull xorta ta' tbatija. Issa fuq il-Kalvarju jġarrab umiljazzjoni oħra, dik li jitneżża' minn ħwejġu quddiem kulħadd. L-ilbies huwa meħtieġ għall-bniedem, bih u fih iħossu sigur, parti mis-soċjetà, iħossu uman. Xħin Ġesù titteħidlu minn fuqu l-libsa tiegħu, fl-istess ħin bħal donnu titteħidlu wkoll id-dinjità tiegħu biex tinkixef il-vulnerabbiltà kollha tal-Iben ta' Alla li sar bniedem.

Studenta 3: Mulej, l-għera tiegħek iġġagħalna nistħu mhux minnek imma minn għemilna mneżżgħa mill-imħabba. Fakkarna li meta għemilna nneżżgħuh mill-imħabba nlibbsuh b'dak li ma jgħattix, b'dak li ma jiżgurax, b'dak li mhuwiex uman. Fil-Magħmudija int libbistna bi mħabbtek, għinna nżommu fuqna din il-libsa tar-rebħa li tajtna int anki meta dan ifisser li niġu umiljati quddiem u minn sħabna, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Aqsam miegħi dit-tbatija
għal Ġesù, li mħabba fija
xerred demmu kollu.

Saċerdot: **Nikkunsidraw it-Tlettax-il Stazzjon: Ġesù msammar mas-salib.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Mattew (27, 37-42)
U qegħdulu fuq rasu l-kawża tal-kundanna tiegħu, li kienet tgħid hekk, 'Dan hu Ġesù, is-sultan tal-Lhud.' Imbagħad miegħu sallbu żewġ ħallelin, wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug. Dawk li kienu għaddejjin bdew jgħajruh iċaqilqu rashom u jgħidu: "Int li tħott it-tempju u fi tlitt ijiem terġa' tibnih, salva lilek innifsek jekk int l-Iben ta' Alla, u inżel minn fuq is-salib!" Hekk ukoll il-qassisin il-kbar bdew jiddieħku bih mal-kittieba u x-xjuħ u jgħidu: "Salva oħrajn, lilu nnifsu ma jistax isalva! Hu s-sultan ta' Iżrael! Ħa jinżel issa minn fuq is-salib u nemmnu fih! Hu jafda f'Alla; ħa jeħilsu issa, jekk iħobbu! Għax hu qal, 'Jiena Bin Alla.'" U bl-istess mod bdew imaqdruh ukoll il-ħallelin li kienu msallbin miegħu.

Studenta 2: Ġesù mbeżża' jobdi u jimtedd fuq is-salib biex jiġi msammar miegħu. Ma jirribellax, ma jisħitx, ma jgergirx, ma jgħidx "le" u anki kieku, ma setax, għaliex kien hemm bżonn li jseħħ dan kollu, kien hemm bżonn li jieħu fuqu dak li ma kienx ħaqqu. Biex jgħallimna x'jiġifieri tobdi. L-ubbidjenza tqila u xi drabi tkun tqila aktar. Bħal meta xi ħadd minn sħabi tal-klassi jitlobni ngħinu u jien nilgħabha li ma smajtux. Jew meta sħabi jiddeċiedu li jmorru f'post u jien nixtieq immur post ieħor u allura nara x'naqla' biex tgħaddi tiegħi. Inkella meta ommi titlobni biex ngħinha fix-xogħol tad-dar u jien nivvintalha kull skuża. Kemm trid paċenzja biex tobdi! U min iħobb jieħu paċenzja.

Studenta 3: Mulej, kabbarna fil-paċenzja biex bħalek nitgħallmu s-suġġett tas-sabar mit-testijiet kollha li tagħmlilna l-ħajja, għinna ngħaddu minnu biex hekk tkun l-imħabba li ssuqna u mhux l-aptiti tagħna, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Ħdejn Ġesù nibki dnubieti,
fis-salib nara ħtijieti
sakemm ngħix dil-ħajja.

Saċerdot: **Nikkunsidraw l-Erbatax-il Stazzjon: Ġesù jmut fuq is-salib.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Mattew (27, 45-50)
Mis-sitt siegħa 'l quddiem waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa. U madwar id-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi u qal: "Eli, Eli, lema sabaqtani?" Jiġifieri, 'Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?' Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh, qalu: "Lil Elija qiegħed isejjaħ dan!" U minnufih wieħed minnhom mar jiġri, qabad sponża mimlija bil-ħall, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob, waqt li l-oħrajn qalu: "Stenna, ħa naraw jiġix Elija jsalvah!" Imma Ġesù reġa' għajjat għajta kbira u radd ruħu.

Studenta 2: Biża', tismir, aktar uġigħ, ħallelin, ħbula, plakka tal-kundanna, dlam, qtugħ tan-nifs, ħall, is-salmi, il-maħfra, ommok u binha akkwistat. X'fadal aktar? Il-mewt. Illum il-ġurnata għalkemm il-ħajja saret aktar moderna, u suppost li l-istorja tagħna l-bnedmin fuq l-art għallmitna xi ħaġa, il-mewt tal-innoċenti għadha sseħħ quddiem għajnejna kuljum. Imwiet 'il bogħod minna bħal dawk tal-poplu Ukren, Tork u Sirjan li qed jinqerdu ftit ftit bil-ġuħ u bil-mard. Imwiet qrib tagħna bħal dik iż-żagħżugħa li mietet b'overdose, dak il-missier li spiċċa bla xogħol u dik l-omm b'marda terminali.

Studenta 3: Mulej, int ridt tmut fuq is-salib biex tagħmel ir-rieda tal-Missier u tkun qrib bħal dawk li llum qegħdin imutu fuq is-slaleb tal-mard, tal-inġustizzja, tal-mibegħda u kull xorta ta' egoiżmu. F'ġieħ il-passjoni ħarxa tiegħek, ħenn għalina u għad-dinja kollha, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Kemm nixtieqni nibqa' miegħek
mas-salib, u fid-dmugħ tiegħek
nissieħeb minn qalbi.

Saċerdot: **Nikkunsidraw il-Ħmistax-il Stazzjon: Ġesù mejjet fi ħdan Ommu Marija.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Mattew (27, 54-55)
Iċ-Ċenturjun u dawk li kienu miegħu għassa ta' Ġesù, kif raw l-art titheżżeż u jiġri dak kollu, imtlew b'biża' liema bħalu u qalu: "Dan kien tassew Bin Alla!" Hemmhekk kien hemm ħafna nisa jħarsu mill-bogħod, dawk stess li kienu mxew wara Ġesù biex jaqduh sa minn meta kien għadu fil-Galilija.

Studenta 2: Marija tat lil binha ħaj lid-dinja u issa d-dinja tagħtihula lura mejjet. Omm li żżomm f'idejha lil binha mejjet; miet mhux għax kien marid, miet mhux għax kellu inċident, miet mhux għaliex abbuża mix-xorb jew sustanzi, miet mhux b'diżgrazzja, miet għax qatluh u qatluh mhux għaliex għamel xi ħaġa ħażina imma għaliex għamel it-tajjeb u t-tajjeb huwa perikoluż aktar mill-ħażin. Tbatija, fuq tbatija, fuq tbatija. Dan huwa s-sejf imħabbar mix-xwejjaħ Xmuni li ma jinfidx il-qalb imma r-ruħ ta' Marija.

Studenta 3: Mulej, Ommok Marija, ratek tħobb lill-bniedem li min-naħa tiegħu ma ħabbek xejn lura, ratek iċċarċar demmek kollu b'fidwa għall-bniedem ingrat, eħlisna mill-ebusija tal-qalb u kabbar fina l-istess spirtu ta' gratitudni u radd il-ħajr ta' Ommok Marija, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Verġni mbierka, Omm qalbiena,
uri miegħi din il-ħniena,
biex inħoss l-indiema.

Saċerdot: **Nikkunsidraw is-Sittax-il Stazzjon: Ġesù midfun f'qabar ġdid.**

Kantur: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Studenta 1: Mill-Evanġelju skont San Mattew (27, 59-61)
Ġużeppi ħa l-ġisem u keffnu f'liżar nadif, qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu li kien ħaffer fil-blat, gerbeb ġebla kbira fid-daħla tal-qabar, u telaq. Iżda Marija ta' Magdala u Marija l-oħra baqgħu hemm bilqiegħda biswit il-qabar.

Studenta 2: Xi tħoss omm meta titlef lil xi ħadd minn uliedha, jew meta tarahom ibatu bla ma tista' tagħmel xejn. Din it-tip ta' tbatija li ġġarrab l-omm hija indeskrivibbli, m'hemmx kliem u vokabolarju għaliha. Bħal kull omm oħra, Marija kieku setgħet kienet tieħu fuqha hi t-tbatija ta' binha, kieku setgħet kienet twaqqaf il-passjoni biex ma tarahx ibati. Imma le, ma tixtieq xejn minn dan, għaliex hi kienet ħaġa waħda ma' binha, dak li ried hu riditu hi, dak li ma riedx hu ma riditux hi. "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek." U issa tmelles il-ġisem imdemmi, sabiħ għax kien kollu mħabba, tbus il-wiċċ sfigura, l-isbaħ wieħed fost ulied Adam għaliex huwa l-wiċċ veru tal-Imħabba. Marija ma tinsiex id-dulur f'ruħu li kellha tgħaddi minnu, imma bħal kull omm oħra tħares 'il quddiem u tibqa' b'saħħitha biex tieħu ħsieb il-kumplament tal-familja tagħha, tagħna wlied ġodda tagħha.

Studenta 3: Mulej, nitolbuk għal dawk kollha li qed jibku l-għeżież tagħhom mejtin. Farraġ lil dawk li għadhom kemm tilfu xi persuna għażiża f'dan l-aħħar żmien. Int tajthom lil Ommok Marija biex tkun omm tagħhom, biex tkun qrib tagħhom, biex tbati magħhom u biex terfagħhom fuq dirgħajha u tħaddanhom magħha, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Studenta 4: Missierna. Sliema. Glorja.

Saċerdot: Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Kantur: Mewt Ġesù qegħedli quddiemi
fuq il-pjagi jkun biss kliemi
u l-Passjoni tiegħu.